Diversi grazzji attribwiti lil San Publju u meħuda mill-ktieb

# *SAN PUBLJU MARTRI U D-DEVOZZJONI LEJH FIL-GŻIRA TA' MALTA* ta' Antonio Agius, miktub fl-1935.

Fuq il-"Bieb tal-Għarriqin" viċin il-bieb prinċipali tal-Imdina fis-sena 1245 ġiet minquxa skrizzjoni bħala ringrazzjament lil San Publju talli ħeles lil Malta mill-imġiba ħażina tar-Re Federiku II li kien neħħa l-isqfijiet ta' Sqallija, kif ġie mmanifestat b'dispjaċir kbir mill-Papa Innoċenzu IV fil-Konċilju ta' Lione, meta l-Isqof ta' Malta Giovanni li kien jinsab barra minn Malta bħall-isqfijiet l-oħra, kien huwa wkoll qiegħed isofri. Din id-Djoċesi ta' Malta




*In-Nutar Ġanni Grech mirakolożament ma ġralu xejn wara li fuqu waqa' is-saqaf tal-kamra li fiha kien qiegħed jistkenn.*

hekk kif rat mis-snin in-nuqqas tal-isqof tagħha irrikorriet lejn il-Protettur tagħha San Publju biex jagħtiha isqof ħalli jmexxiha; u hekk hu li malajr ħadet ir-ruħ billi rat ġej lil Ruggiero minn Ċefalù bħala Isqof ta' Malta.

Skrizzjoni oħra mnaqqxa fil-ġebel u li biż-żmien tħassret, kienet tfakkar fit-terremot tas-sena 1693 li bl-interċessjoni ta' San Publju, żamm malajr. Din l-iskrizzjoni kienet imqiegħda wkoll viċin il-Bieb tal-Imdina.



*L-Imdina qabel it-terremot tal-1693*

Fl-istess sena 1736, fil-21 ta' Jannar, jum li fih il-Knisja tiffesteġġja l-martirju tal-Qaddis Pajżan tagħna, in-Nutar Ġanni Grech mill-Imdina kien sejjer xi mkien lejn il-kampanja biex jagħmel xi kitba, u billi qabditu x-xita bil-qliel, daħal jistkemm f'kamra li kienet fir-raba'. Beda jgħid xi talb ad unur San Publju meta f'daqqa waħda jaqa' s-saqaf tal-kamra fuqu. Sejjaħ malajr il-patroċinju tal-Qaddis u flok ma baqa' mirdum, ma ġralu xejn. B'hekk, tħeġġeġ aktar bid-devozzjoni lejn il-Qaddis Publju. Ġanni Grech miet ftit snin wara taħt il-protezzjoni tal-Qaddis avukat tiegħu sewwasew fil-jum tal-21 ta' Jannar.




*In-nies tal-ekwipaġġ kif waslu irrakkontaw li matul it-tempesta kienu jaraw lil San Publju jmexxi l-bastiment tagħhom.*

Il-Padrun Angelo Cotonetto filwaqt li kien qiegħed jivvjaġġa minn Venezja għal Malta bit-tartana tiegħu mgħobbija bil-merkanzija u b'somom kbar ta' flus, qabditu tempesta qawwija fil-baħar Adrijatiku u billi r-riħ ġarru fil-Lvant, ħa żmien mhux ħażin biex wasal Malta. Dan id-dewmien qajjem suspett qawwi li din it-tartana hija mitlufa. Klara, mart il-Padrun Anġlu, irrikkmandat bil-qalb lil żewġha lill-Qaddis Publju u bdiet novena ta' visti għall-imsemmija Knisja. Alla l-Imbierek ippermetta li mal-ewwel vista li għamlet, waslet l-aħbar li żewġha, bit-tartana, l-ekwipaġġ u l-merkanzija, jinsabu għar-rdoss fi Sqallija. U hekk verament kien, għax mal-aħħar vista tan-Novena, dawn ilkoll waslu qawwijin u sħaħ fil-Port ta' Malta. Huma rrakkuntaw li matul it-tempesta, kienu jaraw lill-Qaddis imexxi l-bastiment tagħhom. Bħala turija lejn il-Qaddis mirakoluż Publju, marru jagħtu bosta affarijiet biex bihom isiru oġġetti għall-istess Knisja.